MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 1193/2010

**AVUKAT DOTTOR MICHAEL ZAMMIT MAEMPEL (ID: 51677[M]) BĦALA MANDATARJU SPEĊJALI GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TA' L-ASSENTI MINN MALTA CASSONE SABRINA (NRU. TAL-LIĊENZJA TAS-SEWQAN TALJANA LE 5011843K)**

**-VS-**

**EUROPEAN INSURANCE GROUP LIMITED (C35708)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-attur nomine fit-18 ta' Novembru, 2010 li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

1. ILLI dan huwa rikors ai termini tar-Regolament Numru (EC) 44/2001 tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja, maħruġ fit-22 ta' Diċembru, 2000, kif emendat u applikabbli f'Malta;

2. ILLI l-avukat rikorrent ingħata prokura speċjali datata, 15 ta' Ottubru 2010 mingħand Cassone Sabrina (Nru. tal-Liċenzja tas-Sewqan Taljana: LE 5011843K), residenti via Campania, 5, Campi Salentina (Lecce) Italja, sabiex jidher f'isem u għan-nom ta' l-istess mandatriċi f'dawn il-proċeduri, kopja ta' liema prokura qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. A.1**.

3. ILLI permezz ta' sentenza tat-18 ta' Frar, 2010 (eżegwibbli bħala titolu eżekuttiv b'effett mit-30 ta' Marzu, 2010), mogħtija mit-'Tribunale di Lecce' fl-Italja, fl-ismijiet "*Cassone Sabrina–vs- European Insurance Group Limited (E.I.G. Ltd)*" s-soċjetá intimata ġiet ddikkjarata debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta' **tmenin elf Euro (€80,000)**, u sussegwentement ġiet ikkundannata illi tħallas lir-rikorrenti Maci is-somma msemmija, oltre l-imgħaxijiet legali mid-dati ta' meta r-rikorrenti effettwat il-ħlasijiet msemmija fis-sentenza, sal-ġurnata tal-pagament effetiv; u inoltre wkoll l-ispejjeż ġudizzjarji ammontanti għal **elf, mitejn u tminja u erbghin Euro (€1,248.00)** – u dana skond kif jirriżulta mill-kopja awtentikata tas-sentenza in kwistjoni fil-lingwa Taljana annessa u mmarkata bħala **Dok. B**, flimkien ma' traduzzjoni awtentitikata ta' din is-sentenza bil-lingwa Ngliża mmarkata bħala **Dok. D.2**;

4. ILLI s-sentenza fuq ċitata hija eżegwibbli fl-Italja;

5. ILLI l-esponenti għandu interess illi jeżegwixxi s-sentenza fuq ċitata kontra soċjetá intimata, illi hija reġistrata u topera minn Malta;

Talab ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suspjegati li is-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikkjara eżegwibbli, u konsegwentement tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq ċitata sabiex ir-rikorrent nomine jkun jista' jeżiġi l-ħlas fl-ammont ta' **tmenin elf Euro (€80,000.00)** bl-ispejjeż ġudizzjarji ammontanti għal **elf, mitejn u tminja u erbghin Euro (€1,248.00)** kif dedotti fis-sentenza ċitata, u bl-imgħaxijiet mid-dati ta' meta r-rikorrenti effettwat il-ħlasijiet msemmija fl-istess sentenza ċitata, sal-ġurnata tal-pagament effetiv;

2. Bl-ispejjeż ta’ dina l-proċedura kontra s-soċjetá intimata li hija minn issa stess inġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tad-dokumenti ta’ l-attur nomine;

Rat in-nota ta’ European Insurance Group Limited (“EIG”) tad-9 ta’ Frar, 2011.

Rat l-Artikolu 40 tar-Regolament 44/2001 EC illi jghid inter alia illi l-applikant ghandu jipprovdi indirizz ghas-servizz tal-process f’dik iz-zona tal-gurisdizzjoni ta’ Qorti ta’ fejn tkun saret l-applikazzjoni. B’dan kollu, jekk il-ligi ta’ l-Istat Membru li fih ikun imfittxija l-eżekuzzjoni ma tipprovdix ghal ghoti ta’ indirizz bhal dak, l-applikant ghandu jahtar rapprezentant ad litem.

Illi l-Artikolu 40 jghid ukoll illi id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 53 ghandhom ikunu mehmuzin ma’ l-applikazzjoni.

Illi l-Artikolu 41 ta’ l-istess regolament jghid illi is-sentenza ghandha tigi ddikjarata ezegwibbli immedjatament mat-twettieq tal-formalitajiet fl-Artikolu 53 minghajr xi reviżjoni permezz ta’ l-Artikoli 34 u 35.

Illi l-Qorti rat illi l-attur nomine esebixxa ic-certifikat illi kellu jigu jigi prodott skond l-Artikolu 54 tar-regolament u dan jinsab esebit u insab immarkat bhala Dokument Z.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Illi mill-provi prodotti it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ it-talbiet tal-attur nomine kif dedotti; Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------